**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Mahdi Mohamed Hassan**

**Illum 29 ta' April, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mahdi Mohamed Hassan ta' 229 sena, iben Mohamed, mwieled is-Somalia, nhar l-1 ta' Gunju 1993, u residenza 78, Triq an Tumas, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 100463A:

Akkuzati talli:

Matul il-lejl ta' bejn is-27 u it-28 ta' April, gewwa Triq Hal Qormi, Hamrun, mnghajr il-hsieb li toqto jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebbejt ghal Mohamed Tifow Ladan, u/jew persuna/i ohra, u kkagunajtilha girehi ta' natura gravi, skont ma iccertifika Dr Kristian Psaila MD ta' l-iptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, b'xi mod ksirt il-bon ordni u il-paci pubblika, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-lgi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Mohamed Tifow Ladan, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' tija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-procedurit hekk kif ikkomntemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant fil-waqt li nesebixxi l-fedina penali tal-imsemmi Mahdi Mohamed Hassan, umilment ntilob lid an il-kaz jigi iggudikat skon t il-ligi.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-kofront tieghu u li kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi nkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tikkunsidra l-gravita tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz hekk kif spjegati mill-ufficjal prosekutur, u l-fedina penali tieghu li hi wahda netta.

Wara li rat l-artikoli 214, 218 (1)(b) u 338(dd) tal-Kpitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija lio bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Wara li rat l-artikolu 383, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tobbliga lil-hati b'garanzija personali ta' elf ewro (€1,000) ghal zmien sena ghaf-favur ta' Mohamed Tifow Ladan.

Tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet ghall-hlas tal-esperti billi ma kienx hemm.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Atti jintbaghtu lill-Avukat Generlai skont il-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u bl-ghanuna tal-interpretu l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat